MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 346/2010

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw lil D E ta' nazzjonalita' Tajlandiza, assenti minn dawn il-Gzejjer**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk: li l-partijiet izzewgu fl-Ingilterra fit-13 ta' Mejju 2006, liema zwieg gie registrat Malta fit-8 ta' Frar 2008; li minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tifel bl-isem ta' Yoshi Chayut Cli twieled fis-16 ta' Novembru 2006; li dan iz-zwieg huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-intimata kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [h], u dak ta' l-attur fit-termini tal-paragrafu [a], ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghalhekk l-attur qed jitlob li dan iz-zwieg jigi dikjarat

null, u jigi awtorizzat jirregistra s-sentenza fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta null u bla effett fil-ligi, peress li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Fatti**

Illi l-attur, cittadin Malti, izzewweg lill-konvenuta, cittadina Tajlandiza, fit-13 ta' Mejju 2006, liema zwieg gie registrat Malta fit-8 ta' Frar 2008.  Fis-16 ta' Novembru 2006 twieled it-tifel Yoshi Chayut C.

Illi fis-26 ta' Jannar 2008 il-partijiet gew Malta bl-intenzjoni li jistabbilixxu r-residenza taghhom f' Malta, wara li kienu qattghu tlett xhur fit-Tajlanda.

Illi fit-18 ta' Awwissu 2008, il-konvenuta telqet minn Malta lejn it-Tajlandja bl-iskuza biex izzur lil genituri taghha, izda sallum ma rritornatx lura, u baqghet izzomm it-tifel tal-partijiet it-Tajlanda.

Illi l-attur irrakkonta kif sa minn meta kien it-Tajlanda huwa kien gie mgieghel minn martu u niesha sabiex jghaddi somom ta' flus lil familjari taghha biex ihallsu d-djun li kellhom.  Din ir-rebgha ghall-flus da parti tal-konvenuta sabiex tghaddihom lill-familjari taghha kompliet tul il-konvivenza;  u l-attur jispjega li *"meta l-mara tieghi kienet it-Tajlanda kienet qed tirrikattani li jekk ma kontx ntiha l-*

*flus kienet tibghat lit-tifel ghal adozzjoni ghax hija kienet tghid li ghaliha kien piz zejjed fuqha.”* [fol.40]. Kien ghalhekk li l-attur baghat lill-konvenuta zewg lump sums ta’ LM11,000, illum ekwivalenti ghal €25,623, fi zmien tmien xhur.

Illi l-attur jispjega li, anke meta huma kienu jghixu Malta, il-konvenuta riedet li, filwaqt li hu jibqa’ jghix mal-genituri tieghu, hi tghix mal-hbieb tax-xoghol taghha, biex b’ hekk setghet tibghat somom akbar lura t-Tajlanda.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru tal-fatti mhux kontraddetti l-Qorti f’ dan il-kaz tirravviza fil-konfront tal-konvenuta assenti l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat, stante li mill-provi jirrizulta manifest li l-konvenuta ma kellha ebda ntenzjoni li tghix il-hajja matrimonjali ma’ l-attur li ghaliha kien biss mezz biex takkwista l-flus. Il-komportament taghha tul il-konvivenza juri li, ghalkemm il-konvenuta esternament ghaddiet minn cerimonja ta’ zwieg, izda nternament u b’ att pozittiv tal-volonta’ taghha, hija eskludiet obbligu essenzjali ghall-hajja konjugali, senjatament dak tal-konvivenza matrimonjali diretta lejn il-benessere reciproku.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg bejn il-partijiet.,

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta assenti, izda dawk relatati mal-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------